# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa 19 ta' Mejju 2023**

**Kawża Nru: 2837/2023**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent James Grech)**

**Vs**

**Artan Coku (K.I. 0055278A)**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat u ċioé:

*talli nhar it-08 ta' Mejju 2023,*

*i. ma riedx jaħlef jew jixhed meta hekk kien meħtieġ mill-qorti presjeduta mill-Magistrat Dr. Rachel Montebello LL.D fil-kawza il-Pulizija vs Begtash Muka;*

*Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv ai terminu tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan wara li ġie kkundannat għal reat b'sentenza liema sentenza saret definittiva u ma tistax tibidel*[1] *;*

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2023[2]. Il-parti saljenti ta' dak il-verbal ai fini tal-provvediment tal-lum jaqra hekk:

*L-avukati difensuri tal-akkużat jitolbu referenza kostituzzjonali ai termini tal-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll tal-artikolu 4 sub-artikolu 3 tal-kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li l-proċeduri mibdija mill-Kummissarju tal-Pulizija fil-każ odjern jiksru jew x'aktarx jiksru d-drittijiet fundamentali tal-akkużati u li m'għandhomx jiġu applikati fil-konfront tiegħu sanzjonijiet dwar fatti li dwarhom qorti oħra cioe il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kawża fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Artan Coku' deċiża fil-21 ta' Marzu 2023 diġa imponiet sanzjonijiet. B'hekk l-imputat ma jiġix ipproċessat iktar minn darba waħda fuq l-istess fatti a bazi ta' prinċipju ne bis in idem u dan kif jiddisponi l-artikolu 39 sub artikolu 9 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali.*

*Il-Prosekuzzjoni tirrileva illi l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat tal-10 ta' Marzu 2023 deċiżi minn din l-istess Qorti diversament preseduta inħargu fuq ordni tal-istess Qorti. Illi l-imputazzjonijiet preżentati illum kif jirrifletti wkoll mill-verbal ippreżentat datat 8 ta' Mejju 2023, il-*

[1] A fol 1 tal-proċess.
[2] Verbal relattiv jinsab a fol 2 *et seq* tal-proċess.

*Kummissarju tal-Pulizija ġie ordnat mill-istess Qorti diversament presjeduta biex iżomm lil Artan Coku arrestat u jressqu fil-Qorti fi zmien 48 siegha kif stipulat fl-artikolu 522 tal-Kap 9. Illi iktar minn hekk, jirriżulta ċar illi l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat fl-10 ta' Marzu 2023 jirrelataw dwar reat illi seħħ fit-8 u 9 ta' Marzu 2023 filwaqt illi fil-każ tal-lum jirrelata dwar reat kommess fit-8 ta' Mejju 2023. Għaldaqstant fl-umli opinjoni tal-prosekuzzjoni ma jistgħax jezisti ne bis in idem.*

Rat li l-proċediment tħalla għal-lum għad-digriet dwar it-talba sabiex issir referenza kostituzzjonali u konvenzjonali.

**Ikkunsidrat**

Illi kif jirriżulta mill-*iter* proċesswali hawn fuq riprodott, dan il-provvediment huwa limitat dwar it-talba magħmula mill-imputat sabiex din il-Qorti tirreferi l-kwistjoni imqanqla minnu lill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali). Il-mistoqsija li l-imputat jixtieq li din il-Qorti tagħmel hija fis-sens li tingħata direzzjoni lil din il-Qorti dwar jekk huwiex bi ksur tad-dritt tiegħu sabiex ma jiġi proċessat darbtejn hekk kif sanċit fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta[3] u l-artikolu 4 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet u

[3] Dan jaqra hekk: *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma għandha tgħaddi proċeduri għal reat kriminali jekk turi li tkun ħadet il-maħfra għal dak ir-reat: Iżda ebda ħaġa f'xi liġi ma għandha titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu minħabba biss li tawtorizza xi qorti li tagħmel proċeduri kontra membru ta' korp dixxiplinat għal reat kriminali nonostanti kull proċeduri u dikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni ta' dak il-membru skont il-liġi dixxiplinarja ta' dak il-korp, imma hekk illi kull qorti li tkun hekk tiġġudika dak il-membru u li hekk issibu ħati għandha meta tikkundannah għal xi piena tieħu kont ta' kull piena mogħtija lilu skont dik il-liġi dixxiplinarja."*

Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem[4] li ttieħdu dawn il-proċeduri fil-konfront tal-imputat, wara li ingħatat sentenza kontrih fuq episodju simili[5].

Illi sabiex ma tinħoloqx konfużjoni, id-digriet tal-lum mhuwiex qiegħed iqis is-siwi jew le ta' dik il-lanjanza, iżda huwa limitat biss sabiex jiġi deċiż jekk għandhiex tintbagħat referenza kostituzzjonali jew le.

Illi jkun utli f'dan l-istadju li din il-Qorti tinvesti brevement dwar in-natura tal-proċedura li jrid li tiġi utilizzata l-imputat.

Illi fl-ewwel lok tajjeb jiġi ribadit li għalkemm xi parti f'xi proċediment (li ma jkunx miexi quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili[6] jew il-Qorti Kostituzzjonali), tagħmel talba għal referenza, dan ma jfissirx li dik il-Qorti għandha taqbad u taċċetta l-istess b'għajnejha magħluqa[7]. Tassew, huma essenzjalment tnejn l-eżamijiet rikjesti sabiex Qorti tkun sodisfatta li għandha tirreferi dik il-kwistjoni.

---

[4] Dan jaqra hekk: "*1. Ħadd ma jista' jkun ipproċessat jew jerġa' jiġi kkastigat għal darb'oħra fi proċedimenti kriminali taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istess Stat għal xi reat li dwaru jkun diġà ġie finalment liberat jew misjub ħati skont il-liġi u l-proċedura penali ta' dak l-Istat. 2. Id-disposizzjonijiet tal-paragrafu preċedenti ma għandhomx iżommu milli l-każ jerġa' jinfetaħ skont il-liġi u l-proċedura penali tal-Istat inwistjoni, jekk ikun hemm provi ta' xi fatti ġodda jew li jkunu għadhom kif ġew żvelati, jew inkella jekk ikun ħemm xi vizzju fondamentali fil-proċedimenti ta' qabel, li jista' jkollhom effett fuq kif jiżvolġi l-każ. 3. Ebda deroga minn dan l-artikolu ma għandha ssir taħt l-artikolu 15 tal-Konvenzjoni.*"

[5] Sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Artan Coku**, mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminal nhar il-21 ta' Marzu 2023. Vera kopja tal-istess, immarkata bħala Dok JG1, tibda a fol 8 tal-proċess.

[6] Dwar dan, il-Qorti tirreferi għad-digriet fil-proċeduri fl-ismijiet **Mario Falzon vs Direttur Ġenerali (Dwana),** (Rik Nru: 919/2011) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-14 ta' Mejju 2013.

[7] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Genovese vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar,** (Appell Ċivili Numru. 47/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Mejju 2013.

Illi fl-ewwel lok, it-talba magħmula trid tkun intrinsikament u materjalment konnessa mal-proċeduri pendenti[8], għaliex altrimenti il-provokazzjoni tar-referenza tkun waħda inutili[9]. Dan għaliex l-għan tal-proċedura misjuba fl-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta m'huwiex li jiġi dibattut xi punt akkademiku biss[10].

Illi fit-tieni lok, m'għandhiex issir referenza jekk, fil-fehma tal-Qorti dik it-talba ma tkunx waħda sempliċiment frivola u vessatorja[11].

Illi magħdud ma' dan però, tajjeb li jiġi mfakkar li jekk tintlaqa' talba sabiex issir referenza, dik ir-referenza ma tibqax tal-partijiet iżda ssir tal-Qorti li tibgħat hi r-referenza[12]. Huwa propju għalhekk li dik il-Qorti tissejjaħ bħala Qorti Riferenti. Għalhekk ukoll, Qorti li tirċievi talba sabiex tibgħat referenza għandha tagħraf sew jekk hemmx il-ħtieġa li din isseħħ. Ma jridx jitnesa, li kif inhi l-liġi llum, jekk tintbagħat referenza allura l-effett awtomatiku huwa li l-proċeduri pendenti

---

[8] Hija ċelebri fuq dan l-aspett (u kif ukoll fuq in-natura tal-proċedura tar-referenza ) is-sentenza fl-ismijiet **<u>Edgar Blundell et v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali</u>**, (Rif Kost Nru: 525/95) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-20 ta' Marzu 2000.

[9] Wieħed huwa mistieden jara l-provvediment mogħti fil-proċeduri fl-ismijiet **<u>Direttur tar-Reġistru Pubbliku vs Ahmad Aziz,</u>** (Rik Nru: 421/18/2) mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-26 ta' Jannar 2022.

[10] Jgħodd hawn dak li seħħ u ntqal fil-provvediment fl-ismijiet **<u>Karkanja Limited vs Carmel Galea *et*,</u>** (Riferenza Kostituzzjonali Nru: 84/2016) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar it-30 ta' Mejju 2019.

[11] Għal tifsira akkurata ta' dawn it-termini, il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Mark Lombardo *et* vs Kunsill Lokali Fgura,</u>** (Rik Nru: 1/2004/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali).

[12] Fost diversi wieħed huwa mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Glenn Bedingfield vs Kummissarju tal-Pulizija *et*,</u>** (App Ċiv Nru: 721/1999/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar il-31 ta' Lulju 2000. Issir ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **<u>Nazzareno Galea *et* vs Giuseppe Briffa *et*,</u>** (Rik Nru: 303/90) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-30 ta' Novembru 2001.

jiġu sospiżi sakemm il-mistoqsija tal-Qorti riferenti tiġi mwieġba b'mod finali mill-Qorti fis-sede kostituzzjonali[13].

Illi b'hekk, kull qorti li mhijiex il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali li tagħżel li għandha tibgħat mistoqsija skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta għandha tkun konvinta li dak l-eżerċizzju huwa bżonnjuż, jista' jkun t'utilità u li jista' jħalli l-frott[14]. Għal din il-Qorti, il-kriterji neċessarji huma kumultattivi fin-natura tagħhom, fis-sens li jista' jagħti l-każ li t-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun verament intrinsikament konnessa mal-proċeduri pendenti, iżda xorta waħda tkun frivola u vessatorja għaliex ma tkunx meħtieġa.

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-fattispecie tal-każ, din il-Qorti jidhrilha li għandha tiċħad it-talba magħmula lilha. Fis-sewwa, il-materja li qiegħed iqanqal l-imputat mhijiex materja li teħtieġ direzzjoni kif mitlub minnu[15]. Dan qiegħed jingħad għaliex jaqa' (eventwalment) strettament fil-mansjoni ta' din il-Qorti sabiex hi stess tara jekk ikunux jeżistu l-elementi neċessarji sabiex tirnexxi d-

---

[13] Dwar dan, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sharon Zammit) vs Nicholas Gatt *et*,** (App Ċiv Nru: 626/1997/2) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar it-18 ta' Ottubru 2006.

[14] F'dan is-sens, il-Qorti, kemm minħabba r-rakkolta ġurisprudenzjali hemm magħmula, kif ukoll għal dak li ġie awtorevolment enunċjat u deċiż, tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (spettur Oriana Spiteri) vs Miloud Elforjani,** (Ref Kost Nru: 115/2022) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-16 ta' Mejju 2022 (mhux appellata).

[15] Issir referenza hawn għal dak li ntqal *obiter* fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Micallef**, (Rik Nru: 66/2006) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fejn, b'self minn sentenza preċedenti, ġie mfakkar hekk: *"Illi, kif ingħad f'okkażjonijiet oħrajn, fil-proċess ġudizzjarju penali huwa l-ġudikant li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-moderatur tal-proċeduri li jiżgura mhux biss li jinżamm bilanċ bejn il-kontendenti u l-mezzi disponibbli għalihom biex jiddefendu r-rispettivi pożizzjonijiet tagħhom, imma huwa wkoll mogħti mil-liġi s-setgħat u l-mezzi l-oħrajn kollha biex ikun jista' jiżgura proċess ġust u xieraq"*.

difiża tan-*ne bis in idem*. Wara kollox, l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[16] joffri wkoll is-salvagwardji li donnu qiegħed iqajjem l-imputat.

Illi apparti minn hekk, din il-Qorti m'hijiex prekluża sabiex tistħarreġ din il-materja billi tqis ukoll l-aspett Kostituzzjonali jew konvenzjonali hekk kif jemerġu mil-liġijiet relattivi jew mill-ġurisprudenza stabbilita[17] li jkunu ngħataw fuq dan is-suġġett minn qrati Kostituzzjonali meta tiġi sabiex finalment tiddeċiedi dan il-każ[18]. Mhumiex biss il-qrati ta' kompetenza kostituzzjonali jew konvenzjonali li għandhom l-obbligu jinterpretaw u japplikaw liġijiet jew fatti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni[19]. Terġa' u tgħid, huwa llum ben aċċettat li huwa doveruż li qorti f'sede penali tinvestiga din

[16] Dan jaqra hekk: *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."*

[17] Tkun qiegħda tonqos din il-Qorti jekk dwar dan ma tagħmilx referenza għas-segwenti bran meħud mis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jean Pierre Borg,** (Rif Nru: 59/12) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) nhar il-25 ta' Ottubru 2016. Dik il-Qorti kienet qalet hekk: *"Illi l-Qorti qiegħda tgħid dan għaliex hija tħoss li fejn, quddiem Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla, titqajjem 'kwestjoni' ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali li bħalha tkun tqajmet qabel, u fejn dik il-'kwestjoni' tkun diġa' tqieset mill-ogħla Qorti kompetenti u tat il-provvedimenti tagħha dwarha, ma jidhirx li jkun hemm għalfejn li Qorti oħra għandha tirreferi l-każ mill-ġdid lil din il-Qorti kull darba li tqum quddiemha kwestjoni bħal dik, sakemm il-'kwestjoni' ma tkunx tqanqal xi punt ġdid. Ikun xieraq li l-Qorti li quddiemha titqanqal il-'kwestjoni' tieħu qies tad-direzzjoni murija mill-Qorti ta' kompetenza kostituzzjonali dwar 'kwestjoni' bħal dik u timxi ma' dik id-direzzjoni indikata fil-każ li jkollha quddiemha. B'daqshekk, ma jfissirx li dik il-Qorti tkun qiegħda tarroga għaliha kompetenza li mhijiex tagħha, iżda biss li tkun qiegħda tapplika u tħaddem il-liġi fl-għarfien ta' punti li jkunu ġew stabiliti mill-Qorti kompetenti. B'dan il-mod ukoll, jonqos it-tkattir fl-għadd ta' kawżi riferiti".*

[18] Eżemplari hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Gatt,** (Każ Nru: 90/2015) deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-28 ta' April 2021 (mhux appellata). Issir referenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Anthony Cassar) vs Ramon Mifsud Grech *et*,** (Każ Nru: 498/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-5 ta' Novembru 2012 (mhux appellata).

[19] F'dan is-sens issir referenza għall-provvediment (propju fuq talba għal referenza) riċenti fl-**ismijiet Il-Perit u Arkitett Ċivili Anthony Galea vs Il-Perit Andrè Pizzuto *pro et noe*,** (Rik Nru: 380/2011) mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar il-21 ta' Frar 2023. Fuq l-istess binarju kienet ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Margaret Camilleri *et vs* The Cargo Handling Co Ltd**, (Ċit Nru: 1560/1995/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-3 ta' Ottubru 2003.

il-materja hi stess, anke fin-nuqqas ta' eċċezzjoni formali[20]. Naturalment, dan m'huwiex il-mument li l-Qorti tistħarreġ l-irqaqat legali bejn dan l-aspett hekk impoġġi fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dik il-materja għalissa tibqa' impreġudikata.

Illi għalhekk ir-referenza kostituzzjonali u konvenzjonali mhijiex meħtieġa għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċeduri[21], u għalhekk it-talba għandha titqies bħala waħda frivola.

Illi b'hekk il-Qorti tqis li t-talba hija waħda intempestiva, anke għaliex għadu bil-wisq prematur li jiġi deċiż dan il-punt meta din tista' tagħmlu din il-Qorti fis-sentenza aħħarija tagħha.

Għaldaqstant, il-Qorti filwaqt li tqis it-talba mqanqla mill-imputat waqt is-seduta tal-10 ta' Mejju 2023 bħala waħda sempliċiment frivola u vessatorja għar-

[20] F'dan is-sens, fost diversi, issir referenza għas-segwenti deċiżjonijiet u ċioé **Il-Pulizija vs George Attard,** (App Nru: 299/2021) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) nhar it-28 ta' Marzu 2023 u **Il-Pulizija vs Anthony Gauci,** (Appell Kriminali Numru. 145/2002) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) nhar il-24 ta' Ottubru 2022.

[21] Fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Joseph Attard *et,*** (App Ċiv Nru: 65/2006/1) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali nhar id-19 ta' Frar 2008, ġie enunċjat hekk: *"il-qorti tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim Awla halli din tiddeciedi dwar l-istess kwistjoni, b'mod li l-qorti li tkun irreferietha tkun marbuta, fid-decizjoni tal-vertenza bejn il-partijiet, skond kif il-Prim Awla tkun iddecidiet dwar dik il-kwistjoni. Dan kollu jfisser neccessarjament li l-"kwistjoni" imqanqla trid tkun, f'ghajnejn il-qorti li quddiemha titqanqal, verament ta' ostakolu ghalbiex dik il-qorti tkun tista' tipprocedi 'l quddiem biex tidderimi l-vertenza bejn il-partijiet. Ghalkemm il-kwistjoni tkun tqanqlet mill-parti, bid-deċiżjoni li tirreferiha, il-qorti tkun ghamlet dik il-kwistjoni taghha, b'mod ghalhekk li l-parti ma tistax in segwitu "tirtira" il-kwistjoni jew tirtira "it-talba…ghal referenza", kif qed jippruvaw jaghmlu s-sidien tal-fond bin-nota taghhom gja msemmija tal-10 ta' Dicembru 2007. Minn dan – cioe` li l-kwistjoni trid tkun verament ta'ostakolu ghad-determinazzjoni tal-vertenza bejn il-partijiet – isegwi li jekk ikun hemm xi ostakolu procedurali iehor li minhabba fih il-qorti li quddiemha tkun tqanqlet il-kwistjoni ma tkunx tista' fi kwalunkwe kaz tipprocedi oltre, "il-kwistjoni" ta' indoli kostituzzjonali ma tibqax wahda li tkun tista' tigi riferuta lill-Prim Awla, ghax id-decizjoni tal-Prim Awla tassumi f'dak il-kaz in-natura ta' semplici esercizzju akkademiku u mhux decizjoni li tkun tivvinkola lill-qorti li tkun ghamlet ir-referenza fid-determinazzjoni tal-vertenza,* ***determinazzjoni li ma tkun qatt tista' tasal ghaliha." (enfasi tal-Qorti).***

raġunijiet hawn fuq spjegati, qiegħda tiċħadha u tordna l-prosegwiment tas-smigħ ta' dawn il-proċeduri.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur